**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 02**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt - Deputat Segretarju Eżekuttiv

02.1 **TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

02.2 **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

Il-membri kollha kienu preżenti u ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

02.3 **Approvazzjoni tal-Minuti Nru 01**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 01 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-Minuti Nru 01.

02.4 **Skeda ta' Ħlasijiet**

02.4.1 **Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2024.

02.4.2 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni fuq il-pagament tal-Lands Department.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** għaddiet informazzjoni lil membri permezz ta' ittra elettronika, fejn kien spjegat li il-ħlas imsemmi huwa id-differenza fil-kera bejn il-kuntratt iffirmat fl-2023 u dak iffirmat fis-snin passati. Ġie spjegat ukoll li il-kirja mal-Lands hija tal-Ġnien kollu u mhux tal-Kiosk biss.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sabiex issir verifikazzjoni kemm hi il-multa mal-Malta Tourism Authority jew ma xi entita' oħra, sabiex il-gabbana tkun tista' topera u eventwalment tinkera lil terzi.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li ikun aqli li min jikri il-Kiosk jieħu ħsieb li iżomm l-area tal-madwar fi stat tajjeb.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** tenna li id-differenza fil-kera trid titħallas, anke jekk din titħallas f'perjodu ta' xhur.

02.4.3 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni dwar il-pagamenti tar-Reġjun Nofsinhar. Hija semmiet li ma kull invoice għandu jingħata rendikont tat-tunellaġġ ta' skart li ikun inġabar u li tiegħu il-Kunsill Lokali qed jiġi mitlub iħallas.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** saħaq li hu kontra li l-iskart jinġabar mir-Reġjun. Semma, li kif inhuma l-affarijiet, huwa diffiċli li wieħed ikun jaf jekk l-iskart tħallatx ma ta' lokalitajiet oħra.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li r-Reġjun Nofsinhar irid jimxi mal-kuntratt li inħareġ mid-Dipartiment.

**Il-kunsilliera kollha** talbu lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex titlob lil President tar-Reġjun sabiex issir laqgħa mar-Reġjun Nofsinhar dwar il-problemi tal-iskart.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet għajr għal-pagamenti tar-Reġjun Nofsinhar.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issekondat l-iskeda tal-ħlasijiet għajr għal-pagamenti tar-Reġjun Nofsinhar.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2024 għajr għal-pagamenti tar-Reġjun Nofsinhar, liema pagamenti ikunu jistgħu jgħaddu għal ħlas wara li il-Kunsill Lokali jirċievi u jaqbel mar-rendikont tat-tunellaġġ tal-iskart miġbur.

## 02.5 ASSENJAZZJONI TAR-RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERA

**Is-Sindku Josef Masini Vento** ressaq l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera u dan wara li kkonsulta ma' kull wieħed u waħda minnhom.

I. **Josef Masini Vento - Qasam Soċjali inkluż il-Familja**
   a. Għaqdiet, Kultura, Wirt Storiku, Media
   b. Infrastruttura co-chaired ma' Marvin Zammit Edukazzjoni co-chaired ma' Marvin Zammit

II. **Alexander Dominic sive Xandru Mallia - Sigurtà u Infurzar**

a. Koordinazzjoni mal-Pulizija, LESA u Transport Malta Ġbir ta' Skart u Ndafa

III. **Daniel Ablett – Sports u Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi** Promozzjoni tagħhom

IV. **Nicholai Falzon - Immaniġġjar tal-Ambjent u Żgħażagħ**

V. **Fiona Borg Lewis - Saħħa. Fondi Ewropej u tfal**

a. Cultural Exchanges
b. Implimentar tal-Manifest Elettorali

VI. **Marvin Zammit – GAL, Fondi lokali. Finanzi**
Co-chaired mas-Sindku Infrastruttura u Edukazzjoni.

VII. **Elke Cassar Sghendo - Ħarsien tal-annimali u drittijiet ċivili**

a. Drittijiet tan-nisa u persuni b'diżabilità
b. Wellbeing
c. Sotto kumitati
d. Riformi fosthom by-laws
e. Reġjun co-chaired mas-Sindku

VIII. **Ralph Puli - Finanzi u Self-employed**

a. Komunità kummerċjali
b. Turiżmu

IX. **Jurgen Abela – Integrazzjoni u periferija u Trasport Pubbliku**

X. **Alessio De Carlo – Innovazzjoni u Immaniġġjar tat-Traffiku**

XI. **Doris Zammit - Anzjanità Attiva. Pubblikazzjoni ta' Id-Dielja - Magazin tal-Kunsill**

a. Konferenzi u attivitajiet kulturali u edukattivi Co-chaired mas-Sindku

**02.5.1** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li kull Kunsillier jgħaddi lil Kunsill quarterly update.

02.5.2 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri li se tagħmel laqgħa mal-persuni inkarigati mill-Health Centre rigward nuqqasijiet fil-Health Centre, fosthom l-għeluq tal-parkeġġ.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** saħaq li il-parkeġġ tal-Health Centre għandu jerġa jinfetaħ għal-pubbliku.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li minn informazzjoni li waslet għandha il-parkeġġ għadu ma nfetaħx għal-pubbliku minħabba li trid issir sistema ġdida tal-fire & security.

02.5.3 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet sabiex issir laqgħa mal-arċipriet tal-Parroċċa ta' San Gorg biex tiġi diskussa il-plot vojta wara il-Health Centre.

## 02.6 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 02.6.1 Talba ghall-3 snin Unpaid Leave - Bernice Darmanin

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li illum id-Deputat Segretarju Ezekuttiv rċeviet talba mingħand Ms Bernice Darmanin fejn qed titlob tliet snin unpaid leave b'effett mill-1 ta' Settembru 2024.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** feraħ lil Ms Darmanin għall-ħatra tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Santa Lucija. Huwa qal li dan huwa dritt tagħha u ma hemmx x'tiddiskuti.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab biex qabel titlaq Ms Darmanin tagħti hand over tax-xogħol li kienet tagħmel hi lill-impjegati l-oħra tal-Kunsill.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li issa il-kunsill spiċċa mingħajr żewg impjegati wara li telqet ukoll is-Sinjura Karen Camilleri. Il-Kunsill għandu problema ta' staff. Għaldaqstant il-Kunsill għandu imur għal vot sabiex jibda il-proċess biex jiġi/tiġi impjegat/a persuna oħra fi Skala 15 jew fi Skala 13 skont l-esperjenza / kwalifiċi li din il-persuna ikollha.

Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo sekondat.

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li il-kunsill jibda il-proċess mal-HR tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mal-Jobplus.

**02.6.2 Recycling skart rejects 2023**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva fattura għas-somma ta' €13302.89 mingħand ir-Regjun Nofsinhar. Liema ammont huwa pro rata għal dak li il-Waste Serv talbet lir-Regjun Nofsinhar bħala multa fuq skart li jintefa ħażin ma' l-iskart riċiklabbli u il-ħġieġ.

Is-Sur Konrad Micallef, Waste Coordinator Manager nforma lill-kunsill li bħalissa qed isiru taħditiet bejn ir-Regjun Nofsinhar u l-awtoritajiet rigward din il-multa, u għaldaqstant din l-invoice ma għandiex titħallas għal issa.

Il-Kunsill se jesiġi li kemm il-darba nintalbu sabiex nħallsu din il-multa, ir-Regjun irrid jipprovdi rendikont ta' kif nħadmet tali somma.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet sabiex issir kampanja ta' edukazzjoni.

**Is-Sindku Josef Masini Vento** semma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ma tantx għandu fondi zejda biex jagħmel tali kampanji u li diġà saru kampanji nazzjonali fuq il-ġbir ta' l-iskart. Huwa tenna li il-problema issa hija dik ta' infurzar.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ħeġġet biex il-Kunsilliera jiġbdu l-attenzjoni tar-residenti meta jaraw li qed joħorġu skart ħażin, sabiex jibdew ikunu ta' eżempju huma stess. Semmiet ukoll li hemm bżonn li isiru aktar kameras.

**02.6.3 Telefon Cellulari ta' Simon Mifsud**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li it-telefon ċellulari ta' wieħed mill-impjegati tagħna Simon Mifsud wasal biex jinbidel għaliex bl-ammont ta' ritratti li jieħu u l-ammont ta użu li għamel, issa ġie qadim.

Għaldaqstant il-Kunsill qed jintalab sabiex japprova li jinxtara telefon ċellulari ġdid għas-somma ta' €145.

Il-Kunsillier Daniel Ablett ġibed l-attenzjoni li ikun aqli li il-kunsill jonfoq ammont żgħir aktar u jinxtara telefon ċellulari li jkollu aktar memorja u jkollu kamera aktar ċara.

Għaldaqstant il-membri qablu li għandu jinxtara telefon ċellulari aħjar sa massimu ta' €250.

**02.6.4 Perit William Lewis risposta għad-Default Notice**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva risposta għal-komunikat li intbagħat lil Perit William Lewis b'referenza għad-default notice maħruġa f'Ottubru 2023. Liema komunikat ġie mibgħut lil Kunsilliera permezz ta' verżjoni elettronika.

Is-Sindku nforma li id-diskussjoni fuq din il-materja tiġi posposta għas-seduta li imiss.

**02.6.5 Frankie Agius - Ħaddiem RSS**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Frankie Agius, l-uniku ħaddiem li għandna mill-RSS jixtieq iġedded l-impjieg tiegħu għal sena oħra. Frankie Agius jagħlaq il-65 sena f'Awwissu.

Ħadna il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ġejna nfurmati li jekk kemm-il darba din it-talba tiġi milqugħa, l-ispiża relatata mas-salarju tas-Sur Agius tinġarr mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u mhux mill-kunsill Lokali. Il-Kunsill ikun responsabbli biss għall-ħlasijiet relatati mal-overtime.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-impjieg tas-Sur Agius jiġġedded.

**02.6.6 Talba għal Aircondition Unit fil-Qormi Active Ageing Centre**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva talba mingħand is-Sinjura Cynthia Formosa il-Manager tal-Active Ageing Centres. Is-Sinjura Formosa infurmat lil Kunsill li wieħed mill-airconditions tad-Day Centre bil-ħsara u ma jistax jissewwa. Skont il-ftehim li hemm magħhom, il-kunsill huwa responsabbli sabiex ibiddel tali air conditioner.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv talbet għal diversi kwotazzjonijiet, l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' *Cassar Airconditioning System Ltd* għal-prezz ta' €763 inkluż il-VAT.

Il-Kunsill qabel unanimament.

02.6.7 **CCTV Cameras fi Ġnien iż-Żgħożija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wasal fil-final ix-xogħol fi Ġnien iż-Zgħożija. Inbidlet l-art, il-playing equipment, saru fanali ġodda, tnaddfu il-ħitan fuq il-ġebla u żebgħu il-ħitan l-oħra, żebgħu l-art tad-dawra u sar żebgħa tal-ħadid u il-bankijiet u inqalet in-notice board li ma kienetx qed tintuża.

Is-Sindku nforma li l-istima għal 4 cctv cameras għall-Ġnien iż-Żgħożija hija ta' €1422 inkluz il-VAT.

Il-kunsilliera kollha approvaw tali spiza.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ġibed l-attenzjoni li fi Ġnien iż-Żgħożija ma sarx playing equipment għat-tfal żgħar u issuġġerixxa sabiex fil-parti il-vojta titwaħħal bandla.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex iġġib stima għal rubber flooring, bandla u gate fil-post fejn indikat li hu vojt.

02.6.8 **Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Bord ta' Evalwazzjoni, aċċetta l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi għal-iskema tal-Milied 2024. Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ser ikun intitolat għas-somma massima ta' 20 elf euro.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** semma li il-Kunsill Lokali għandu ikollu inventarju tad-dekorazzjonijiet tal-Milied li huma propjetà tal-Kunsill, anke dawk li qed jinżammu għanda l-għaqdiet rispettivi .

02.6.9 **Tender Street Sweeping**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li fit-tender għat-tindif tat-toroq fil-lokalità kien hemm diskrepanza fl-ammont ta' kolletturi. F'parti mit-tender kien hemm talba ghall-7 kenniesa u f'parti oħra kien hemm miktub 8.

Għaldaqstant is-Sindku, flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ltaqa mal-kuntrattur nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2024.

Ġie miftiehem li Ħal Qormi jinħadem b'seba' impjegati; sitt kenniesa u impjegat ieħor bħala supervisor u jiġbor il-boroż li ikunu imlew il-kenniesa minn madwar ir-raħal.

Il-Kuntrattur intalab, sabiex skond it-tender il-kenniesa ikollhom id-datatrak, dan sabiex il-Kunsill ikollu tracking ta' fejn qed isir ix-xogħol.
Il-Kuntrattur gie mitlub ukoll sabiex jagħti schedule ta' kif se jkunu mqassma il-kenniesa skont il-ġurnata. Il-kuntrattur ġie imfakkar li importanti li dawn jimxu ma din l-iskeda.

Waqt din il-laqgħa reġgħu ġew moqrija il-listi tal-knis tat-toroq u minħabba li ċertu toroq kienu qed jikinsu tliet darbiet fil-ġimgħa u huma toroq prinċipali, dawn żdiedu mal-lista ta' toroq li jikinsu kuljum.

Għaldaqstant, minħabba li il-kuntrattur bagħat lista ta' invoices minn Frar sa Ġunju bi 8 impjegati, jekk ikun maqbul m'għandhomx jiġu approvati għall-ħlas qabel tali invoices jiġu mibdula għall-7 impjegati, għaliex huwa fatt li ma kellniex rekord uffiċjali li fil-lokalita' kien qed ikollna 7 kenniesa iduru u wieħed jiġbor l-iskart, total ta' 8 impjegati.

Il-Kunsill qabel unanimament ma din id-deċiżjoni u il-kuntrattur għandu jiġi infurmat uffiċċjalment li sal-aħħar ta' Settembru irid ikollu id-datatrak tiffunzjona.

**02.6.10 Proġett Triq il-Vitorja u Triq San Bartolomew**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-proġett tal-bankini quddiem il-knisja ta' San Bastjan se jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

Flimkien mal-Perit tal-kunsill iltqajna mal-inġiniera tal-Enemalta fejn ġie diskuss li isiru service culverts. Biex isiru dawn is-service culverts, minbarra li il-Kunsill irid jidħol għall-ispiża kollha u irid iġib in-no objection tar-residenti kollha sabiex itaqbilhom min barra għal fejn l-arloġġ, l-Enemalta trid li tinstalla cabinets tal-plastic kull erba t'idjar.

Bħalissa qed nistennew stima biex linja wires dijagonali li hemm bejn l-Ultimate u l-appartamenti ta' faċċata isiru minn taħt l-art.

Minħabba li biex isir service culvert tul il-proġett kollu, l-ispiża għal tali service culvert se titla ħafna u hemm spiża akbar li trid titħallas lil Enemalta. U aktar minħabba li biex is-servizzi jitpoġġew taħt l-art iridu isiru cabinets tal-plastic fuq il-bankina kull erba' t'idjar, qed nissuġġerixxi li tali proġett isir kif

originarjament pjanat u isiru pipijiet biss għad-dawl kif issuġġeriet mill-Perit tal-Enemalta sabiex f'xi każ ta' emerġenza biss ma titkissirx il-bankina.

Il-membri qablu li il-Kunsill imur għad-deċiżjoni li ma jsirux service culverts u jsiru biss pipijiet għal xi emergenzi tad-dawl.

Il-membri qablu ukoll li għandha tintbagħat ittra lir-residenti sabiex ikunu infurmati bix-xogħlijiet li ser isiru .

**02.6.11 Sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Emil Vassallo Direttur Ġenerali Gvern Lokali, b'referenza għas-sejħa biex jimtela' l-post battal ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali.

Is-Sur Emil Vassallo nforma lis-Sindku li wara li saru l-intervisti lill-kandidati kollha skont kif meħtieġ mill-kummissjoni għas-servizz Pubbliku, kien hemm 5 kandidati li ġew misjuba idonei u li indikaw il-kunsill lokali Ħal Qormi bħala preferenza.

Peress li l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv hi waħda li trid tiġi maqbula mill-Kunsill Lokali li jkollu tali post battal, is-Sur Vassallo għadda lis-Sindku id-dettalji tal-kandidati li għaddew mill-ewwel fażi, sabiex il-kunsill lokali jagħmel l-għażla tiegħu dwar il-persuna sabiex timla' l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Id-dettalji tal-kandidati huma kif ġej:

- Daniel Bugeja
- Darlene Borg
- Bernice Darmanin
- Elisa Ellul
- Vineshkumar Bachoo

Għaldaqstant qed jiġi miftiehem li il-board tal-għażla ikun magħmul minn nies indipendenti. Il-lista ta' nies indipendenti fil-board tal-għażla se tiġi diskussa fis-Seduta li imiss.

**02.6.12 Timed 15 minute Parkings quddiem Take Aways**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill ircieva talba sabiex isiru 15 minutes timed parking bays quddiem Ta' Cinell Snack Bar fi Triq Correa u quddiem Snack Island Sandwich Bar fi Triq il-Wied.

Saret diskussjoni bejn il-membri, fejn issemmew li f'ċertu postijiet ikun jista' isir tali parkeġġ bil-ħin minħabba li it-triq tkun tippermetti u f'postijiet oħra ma jkunx jista.

Il-kunsill iddeċieda li id-deċiżjoni għal tali talba tittieħed fis-seduta li imiss.

**02.6.13 Mica Med Ltd - Tender Street Lighting**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva komunikat mingħand il-Kuntrattur li rebaħ it-tender tat-tiswija tal-lampi fit-toroq.

Dan il-Kuntrattur nforma lil Kunsill permezz ta' skrittura, li minkejja li fit-tender niżżel prezz għat-tiswija tal-bozoz SON, il-parts tal-bozoz is-sofor ma għadhomx jinstabu fis-suq, allura meta tinqata bozza SON (mis-sofor) trid tinbidel kollha għal-LED.

Dan il-komunikat mill-Micamed Ltd intbagħat qabel ma għadu ġie iffirmat il-kuntratt.

Il-membri qablu li billi Micamed Ltd kienet l-uniku offerant, il-Kunsill Lokali ma għandux għażla oħra. Il-kunsill se jiffirma il-kuntratt il-ġdid b'dan l-addendum li talab il-kuntrattur, iżda mhux se jkun marbut milli jitlob lil entitajiet oħra, fosthom lir-Regjun Nofsinhar u lil Enemalta plc sabiex jipprovdu alternattivi oħra, biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi inaqqas min tali spejjeż.

**02.6.14 Qormi Cheese and Wine Festival - Talba għall-għajnuna**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva talba għall-għajnuna mingħand is-Sur Simon Vella Gregory f'isem l-Għaqda tan-Nar 23 t'April.

L-Għaqda tan-Nar 23 ta' April qed titlob l-għajnuna tal-kunsill is-somma ta' €8,500 għall-organizzazzjoni tal-Qormi Cheese and Wine Festival. Din l-attività

se ssir fi Triq il-Kbira, nhar it-30 u l-31 ta' Awwissu 2024 mit-8am ta' filgħaxija 'l quddiem.

Billi il-Kunsill Lokali mhux qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja tajba, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lill-Għaqda li għal din is-sena il-Kunsill Lokali ma jistax jagħti tali għajnuna. Il-kunsill lokali jista' jgħin billi joħroġ il-permessi tal-attività bla ħlas, jipprovdi erba mobile toilets u jipprovdi tindif wara l-attività.

## 02.6.15 Walt Market

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva risposta mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar fuq it-talba li saret mill-Kunsill. L-Awtorita tal-Ippjanar infurmat kif ġej:

"Ninfurmawk li s-sit huwa suġġett għan-notifika t'Infurzar EC194/23 . Il-każ huwa pendenti għal azzjoni diretta, liema azzjoni tittieħed skond il-prijorità. Il-każijiet t'Infurzar jistgħu jiġu segwiti fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità"

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab sabiex tinkiteb ittra elettronika lill Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill jingħata data meta se tittieħed deċiżjoni.

## 02.6.16 Talba għall-għajnuna mingħand il-Grupp IMPACT

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva talba mingħand l-Arcipriet tal-Parroċċa San Sebastjan f'isem il-grupp Impact li huwa l-grupp taż-żgħażagħ ġewwa Ħal Qormi San Sebastjan.

Il-grupp ilaqqa' żgħażagħ bejn it 13 u 23 il-sena u jagħmlu bosta attivitajiet biex joħolqu spazju fejn iż-żgħażagħ iħossuhom komdi, jiskopru huma min huma, jibnu relazzjoni ma Ġesù u fuq kollox jagħmlu ħbieb ġodda.

Dan is-sajf bħala grupp ser ikunu qed itellgħu *Musical* bl'isem 'Belle u l-Mostru'. Ir-rappreżentazzjonijiet ser jitellgħu fit-20 u 21 ta' Settembru. Għaldaqstant billi dan il-grupp ma għandux mezz ta' income ħlief minn attivitajiet ta' fund raising, qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill għal dan il-*Musical* kemm fuq aspett ta' fondi kif ukoll fuq aspetti oħrajn li il-kunsill lest joffri.

Is-Sindku spjega li fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' bħalissa ma nistgħux ngħinu finanzjament u għalhekk ħeġġeġ lil membri li min ikun se jattendi għandu jagħti donazzjoni lil-Grupp Impact mill-onorarja tiegħu/tagħha.

**02.6.17 Pjan ta' ħidma – Laqgħa Pubblika**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li skond l-att tal-kunsill Lokali il-Kunsill Lokali irid li jagħmel laqgħa pubblika fi żmien tliet xhur mill-bidu tal-leġislatura.

Sar qbil bejn il-membri li din il-laqgħa pubblika issir qabel is-Seduta ta' Settembru u issir fis-Sala tal-Għaqda Muzikali San Gorg Martri, li bi qbil dawn jingħataw donazzjoni ta' €100 talli tkun intużat tali sala.

## 02.7 Mozzjonijiet

### 02.7.1 MOZZJONI NRU 01/2024 (IX)

**Mozzjoni mressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li parti minn Triq San Bartolomew, bejn Triq San Bastjan (Knisja iż-żgħira) u Triq San Edwardu, tissema Triq il-Parroċċa Arċipretali, filwaqt li parti minn Triq San Bartolomew, bejn Triq San Edwardu u Triq Mdina tissemma Triq Dun Joe Camilleri.

**Il-Kunsillier Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur ħdax (11) il-kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata, b'mod unanimu.

### 02.7.2 MOZZJONI NRU 02/2024 (IX)

**Mozzjoni konġunta mressqa**

i. **mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**
ii. **mill-Vici Sindku Xandru Mallia**

iii. **mill-Kunsillier Daniel Ablett**
iv. **mill-Kunsillier Nicholai Falzon**
v. **mill-Kunsillier Fiona Borg Lewis**
vi. **mill-Kunsillier Marvin Zammit**
vii. **mill-Kunsillier Elke Cassar Sghendo**

Billi f'Ħal Qormi għandna diversi problemi akuti ta' infurzar tal-liġi, u dan hekk kif jafu kulħadd u peress li diversi residenti tagħna ilhom ġustament jilmentaw f'dan ir-rigward.

Nirrikonoxxu il-ħsibijiet ġustifikati tar-residenti u tal-familji Qriema.

Minkejja li ilhom isiru diversi rapporti lill-entitajiet konċernati, sia minn naħa tar-residenti kif ukoll mill-kunsill innifsu, b'dana però dawn l-istess rapporti mhux qed iħallu ir-riżultat mixtieq.

Għalhekk qegħdin konġuntivament inressqu din il mozzjoni biex il-Kunsill jagħmel appell lill-awtoritajiet konċernati, sabiex mill-aktar fis, f'Ħal Qormi jiżdiedu miżuri ta' infurzar tal-liġi.

**Il-Kunsillier Ralph Puli, il-Kunsillier Jurgen Abela, il-Kunsillier Alessio Decarlo u il-Kunsillier Doris Zammit** issekondaw il-mozzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata, b'mod unanimu.

**02.7.3 Riżoluzzjoni Nru 01/2024 (IX)**

***SPI/SCI/2/2021*** **- Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex - BIDLA TAL-PROGETT**

B'referenza għall-applikazzjoni li saret f'Mejju 2021, għal-iskema ***SPI/SCI/2/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex***, fejn il-kunsill Lokali Ħal Qormi kien applika sabiex isir tibdil tal-art u il-playing field equipment fi Gnien De La Cruz, liema applikazzjoni li kien issottometta u nstabet eliġibbli għas-somma ta' €18,687.84. Sa issa il-Kunsill Lokali ingħata depożitu ta' €14,015.88 u baqa' bilanċ ta' €4,671.96.

Minħabba li dan il-proġett sar bi skema ta' finanzjament li il-Kunsill għandu permezz ta MOU ma' Tuminvest, il-Kunsill se jitlob sabiex jiġi approvat li tinbidel it-talba tal-proġett u minflok, il-Kunsill jgħaddi il-fatturi u l-irċevuti fiskali tax-

xogħol tal-fanali ġodda li saru fl-istess ġnien. Liema fanali saru minħabba li il-ġnien kellu sistema ta' dawl antika u il-fanali kienu imkissra u kellhom jinbidlu.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 01/2024 (IX)

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur ħdax (11) il-kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 01/2024 (IX) ġiet approvata.

**02.8 Ħwejjeġ Oħra**

**02.8.1 Notice Board fejn Pinto Pastizzerija**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li fejn Pinto Pastizzerija fi Triq San Bartolomew kien hemm notice board li inqalet u minflok ma twaħħletx oħra

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ġibed l-attenzjoni li dik in-notice board tneħħiet, għax ma kienetx ta' użu u issa kulħadd qed juża il-media soċjali.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issuġġerixxa li il-Kunsill jibgħat l-avviżi liż-żewg parroċċi u jitlob l-għajnuna taż-żewg Arċiprieti sabiex imexxu l-informazzjoni li tintbagħat lilhom u/jew jitwaħħlu l-avviżi tal-Kunsill man-notice boards tal-knisja. Filwaqt li il-kunsill jista' jibgħat ukoll l-avviżi lir-radju Leħen il-Belt Ġorġjana.

**02.8.2 Ground tal-5-a-side**

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li se jiltaqa ma' uffiċjali tal-Awtorità' tal-Artijiet sabiex jiddiskuti il-ground tal-5-a-side, biex ikun stabbilit liema parti hija privata u liema mhiex.

### 02.8.3 Dawl fi Drive-Ins Privati

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet li kellha talba ghal bozza gdida minghand sidien ta' garaxxi fi drive in fi Triq il-Gdida.

Is-Sindku nforma lil Kunsillier Borg Lewis li tali bozoz ilhom hafna snin li inqatghu li jitwahhlu fi drive-ins privati u l-Enemalta ma taccettax tali talbiet biex tqabbadhom mad-dawl tal-gvern.

### 02.8.4 Mistoqsijiet mill-Kunsillier Elke Cassar Sghendo

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet:

1. Kemm u liema huma il-kuntratti li l-Kunsill Lokali għandu mad-Dipartiment tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali?

***Risposta:il-Kunsill Lokali għandu żewġt kuntratti li huma***
- ***Il-Kiosk li l-ħlas għalih u ta' €500 (sa 02.10.2024)***
- ***il-Mitħna €1325 (sa 24.05.2025)***

2. X'inhuma il-impenji finanzjarji li għandu il-Kunsill Lokali?

3. Lista ta' Sejħiet tal-appalt (tenders)

4. "Revitalised Valley" nifraħ lil Periti li rebħu l-Award AP Perit Felice li rebħu Urban Planning Concept Award, u nsaqqsi jekk għamlux kuntatt mal-Kunsill Lokali?
***Risposta: Le qatt ma sar kuntatt mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi***

5. Nifhem li kien hemm Charging Points idendifikati, fejn huma u jekk hemm xi pjan sabiex issir waħda fuq tal-Blat?
***Risposta:***
***Din hija il-lista li kien ippropona il-Kunsill. Kif jihder, mhux kull sit ġie approvat.***

| Reference | Road | Status |
|---|---|---|
| QRM-001-R | Triq L-Oratorju Playing Field | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-001-S | Triq Manwel Dimech | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-002-S | Triq Guze Galea | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-003-S | P.P. Psaila | Objected by Enemalta due to the absence of three-phase supply |
| QRM-004-S | Triq il-Vitorja | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-005-S | Triq il-Helsien | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-006-S | Alexandra Street, Gnien Alexandra | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-007-S | Triq il-Wied | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-008-S | Triq Santa Katerina | Objected by Enemalta due to the absence of three-phase supply |
| QRM-009-S | Triq il-Vitorja | Objected by Enemalta due to the absence of three-phase supply |
| QRM-010-S | Between Triq il-Mejjilla and Triq il-Habbiez | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-011-S | Triq L-20 Ta' Jannar | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-012-S | Triq San Frangisk | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-013-S | Triq il-Valletta | Site approved by all preliminary stakeholders, in the process of application of the necessary permits |
| QRM-014-S | Triq il-Kbira | Objected by Enemalta due to the absence of three-phase supply |

***Din hija lista ta' siti aktar li ipproponew The Energy and Water Agency, fejn jihder li hemm wahda c/w Triq Lapsi:***

| Reference | Road | Exact Coordinates |
|---|---|---|
| QRM-015-S | Triq is-Sajf | 35.879132, 14.463245 |
| QRM-016-S | Tirq id-Deheb Fin | 35.877234, 14.463025 |
| QRM-017-S | Triq M. Attard Vagnolo | 35.874125, 14.467182 |
| QRM-018-S | Triq Angelo Borg | 35.873555, 14.461359 |
| QRM-019-S | Triq in-Nahal | 35.880392, 14.465066 |
| QRM-020-S | Triq il-Valletta | 35.883897, 14.469110 |
| QRM-021-S | c/w Triq Lapsi | 35.884637, 14.469714 |
| QRM-022-S | c/w Triq il-Kus | 35.874760, 14.477992 |
| QRM-023-S | Triq Pinto | 35.879439, 14.467627 |
| QRM-024-S | Vjal De La Cruz | 35.877705, 14.479166 |
| QRM-025-S | Triq Fontanier | 35.878648, 14.479190 |
| QRM-026-S | Triq il-Belt Valletta | 35.882388, 14.475219 |

6. Għarfien minn TM dwar regolamenti tal-Parkegg.

7. Jekk Ħal Qormi kienx iffirma l-MOU dwar l-Insett uniku n-naħla Maltija?

8. Spezzjoni fuq il-ħajt li hemm faċċata taċ-ċimiterju.
***Risposta:***
***Dak huwa ħajt ta' propjeta privata.***

9. X'inhi l-iskeda li jinħaslu il-magni tal-BCRS u feedback qed ikollna?

10. X'inhu l-Pjan ta' Riżorż Uman ġewwa il-Kunsill Lokali?

11. X'hini l-allokazzjoni għal din is-sena tal-Kunsill Lokali, x'hini l-ispiża attwali sa issa. Dan sabiex wieħed ikun jista' jfassal l-budget imfassal sa Diċembru 2024. Jiprapara għal Budget 2025 u pjan ta' Ħames snin li ġejjin.

12. Laqgħa dwar l-impjegati ta' RSSL

13. Mozzjoni dwar il-Kumitatti
***Risposta:***
***Mozzjoni ġiet irtirata mill-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo.***

14. Infomazzjoni dwar CSF

15. B'sapport mir-Regjun Nominazzjoni għal EU Access City Award 2025

16. X'hini l-ispiza biex il-Kunsill Lokali ikun jista' jittrasmeta online?

***Risposti għal kumplament tal-mistoqsijiet se jingħataw f'Seduti oħra.***

02.9 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fl-10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Awwissu 2024, fis-6.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum, ***8 ta' Awwissu 2024***.

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv